MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1027/2011

**Wistin *sive* Austin Calleja**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-20 ta’ Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi l-isem fuq l-att tat-twelid tiegħu (numru 3562 tas-sena 1954) (anness u mmarkat bħala ‘Dok A’) taħt l-intestaturi *“Ismijiet mogħtijin”* u *“Isem jew ismijiet li bihom / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”* huwa ndikat bħala “Wistin”;

Illi l-familja, ħbieb u kollegi tar-rikorrenti jafuh u konsistentement isejħulu bl-isem “Austin” u r-rikorrent stess juża esklussivament l-isem “Austin”, tant ili dan l-

isem “Austin” jidher fuq il-kontijiet bankarji, il-karti bankarji, iċ-ċertifikati tar-rikorrenti, il-liċenzja tas-sewqan, il-poloz tal-assikurazzjoni u anke l-karta tal-identita’ tar-rikorrent (kopji annessi u mmarkati bħala ‘Dok B1’ sa Dok B5);

Illi l-isem ‘Austin’ (jew ‘Augustine *sive* Austin) jidher ukoll fuq l-att taż-żwieġ tar-rikorrenti (numru 685 tas-sena 1980) (anness u mmarkat bħala ‘Dok C’) u l-att tat-twelid ta’ Simon John Calleja, it-tifel tar-rikorrent, (numru 3679 tas-sena 1990) (anness u mmarkat bħala ‘Dok D’);

Illi riċentement ir-rikorrent applika għal passaport (kopja annessa u mmarkata bħala ‘Dok E’) u kien infurmat li ismu kien ser jiġi ndikat bħala ‘Wistin’ minflok bħala ‘Austin’ kif kien fuq il-passaport preċedenti;

Illi *nonostante* l-fatti suespost, isem ir-rikorrent fuq l-att tat-twelid tiegħu jidher bħala ‘Wistin’ u r-rikorrent jixtieq, għar-raġunijiet imsemmija fil-paragrafi hawn fuq u għaliex tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrent, li *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li l-isem fuq l-att tat-twelid tiegħu jidher bħala ‘Austin’;

Għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna li jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara li l-isem ‘Austin’ huwa l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistentement imsejjaħ u l-isem li bih ir-rikorrent għandu jiġi msejjaħ, minflok l-isem ‘Wistin’ kif preżentement jidher fuq l-att tat-twelid tiegħu;

3. Tordna li fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fis-sens illi taħt l-intestaturi *‘Ismijiet mogħtijin’* u *‘Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’* l-isem ‘Wistin’ jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem ‘Austin’;

4. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid tar-rikorrent jiġi rifless fis-segwenti atti ta' l-istat ċivili (għall-finijiet ta' konformita' anke fejn jidher l-isem 'Augustine *sive* Austin' jew 'Augustine'):

i. l-Att taż-Żwieġ (numru 685 tas-sena 1980) ('Dok C');

ii. l-Att tat-Twelid ta' Eliza Calleja, it-tifla tar-rikorrent (numru 5194 tas-sena 1987) (anness u mmarkat bħala 'Dok F');

iii. l-att tat-twelid ta' Monique Calleja, it-tifla tar-rikorrent, (numru 1591 tas-sena 1981) (anness u mmmarkat bħala Dok G) u;

5. Tordna, għall-finijiet tal-Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk jogħġobha din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi nnotifikat b'kopja vera tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti u fiż-żmien imsemmi f'dan l-artikolu hu jagħmel it-tibdiliet meħtieġa fl-atti tal-istat ċivili msemmija fit-tielet u r-raba' pragrafi hawn fuq.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fis-7 ta' Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-

rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Austin kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bħala Austin u mhux Wistin;

Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, John Calleja, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2012 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward ismu hija evidentement ġustifikata billi l-attur dejjem kien magħruf bħala **Austin** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti (*eccetto* l-ewwel talba billi l-pubblikazzjoni msemmija, kif ġja' ingħad, saret debitament).**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attur stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------